



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Settembru 2020
(OR. en)

11004/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0066 (NLE)

AVIATION 145
RELEX 686
USA 57

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza taħt il-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar kooperazzjoni fir-regolazzjoni tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, fir-rigward tal-adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza li tadotta l-Anness 3 għall-Ftehim

ABBOZZ

BORD BILATERALI TA' SORVELJANZA GĦALL-FTEHIM

BEJN L-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA

U L- KOMUNITÀ EWROPEA

DWAR KOOPERAZZJONI FIR-REGOLAZZJONI

TAS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI

REĠISTRAR TAD-DEĊIŻJONI

DEĊIŻJONI NRU 0010

Filwaqt li jinnota li l-Emenda 1 għall-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea dwar Kooperazzjoni fir-Regolazzjoni tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili (il-“Ftehim”) twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2.B tal-Ftehim biex jinkludi, fost affarijiet oħra, l-għoti tal-liċenzji u t-taħriġ tal-persunal;

Filwaqt li jinnota wkoll li l-Artikolu 5 tal-Ftehim, kif emendat, jipprevedi l-iżvilupp ta' Annessi ġodda għall-Ftehim għal kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim, li mbagħad, skont l-Artikolu 19.C, jiddaħħlu fis-seħħ permezz ta' deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza ("BOB") stabbilit skont l-Artikolu 3,

B'dan, il-BOB jiddeċiedi kif ġej:

1. Li jiġi adottat l-Anness 3 (L-Għoti tal-Liċenzji tal-Bdoti) għall-Ftehim kif mehmuż ma' din id-Deċizzjoni bil-Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Françiż, Ġermaniż, Grieg, Inġliż, Latvjan, Litwan, Malti, Netherlandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Svediż, Taljan u Ungeriż. F'każ ta' diverġenza fl-interpretazzjoni bejn it-testi tal-lingwi differenti, it-test bl-Inġliż għandu jipprevali.
2. Li tittieħed nota tad-Dikjarazzjoni Konġunta li għandha tiġi ffirmata mir-Rappreżentanti tal-Partijiet rigward l-awtentikazzjoni tal-verżjoni bil-lingwa Kroata tal-Anness 3.

3. L-Anness 3 (L-Għoti tal-Liċenzji tal-Bdoti) għall-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar firma hawn taħt.

Għall-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza:

L-AMMINISTRAZZJONI FEDERALI
TAL-AVJAZZJONI
ID-DIPARTIMENT TAT-TRASPORT
L-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA
L-UNJONI EWROPEA

MINN: _____

MINN: _____

TITOL: L-Amministratur Assoċjat għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni

TITOL: Id-Direttur għall-Avjazzjoni
Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport, il-Kummissjoni Ewropea

DATA:

DATA:

POST: Washington, DC

POST: Brussell, il-Belġju

ANNESS 3

L-GĦOTI TAL-LIĊENZJI TAL-BDOTI

1. FINI U AMBITU

- 1.1. Il-Partijiet vvalutaw l-istandards, ir-regoli, il-prattiki u l-proċeduri ta' xulxin b'rabta mal-għoti tal-liċenzji tal-bdoti privati, inkluż il-klassifikazzjonijiet tat-titjir billejl u bl-istrumenti għall-kategoriji tal-ajruplani bil-pistuni b'magna waħda (SEP) li jinżlu fuq l-art u tal-ajruplani bil-pistuni b'iktar minn magna waħda (MEP) li jinżlu fuq l-art, iżda mingħajr il-klassifikazzjonijiet tat-tip, u kkonkludew li huma kompatibbli biżżejjed biex jippermettu l-aċċettazzjoni tal-approvazzjonijiet u tas-sejbiet ta' xulxin. Dan l-Anness ikopri l-aċċettazzjoni reċiproka tas-sejbiet tal-konformità u tad-dokumentazzjoni, u l-għoti ta' assistenza teknika rigward l-għoti tal-liċenzji u l-monitoraġġ tal-konformità tal-bdoti privati. L-ebda parti ta' dan l-Anness ma għandha tiġi interpretata li tillimita l-awtorità ta' xi Parti li taġixxi skont l-Artikolu 15 tal-Ftehim.

- 1.2. L-ambitu ta' dan l-Anness ikopri l-liċenzji tal-bdoti privati FCL tal-UE u ċ-ċertifikati tal-bdoti privati tal-FAA, u l-privileġġi tal-bdoti privati inklużi f'liċenzji FCL oħra tal-UE f'ċertifikati oħra tal-bdoti tal-FAA, kif ukoll il-klassifikazzjonijiet tat-titjir billejl u bl-istrumenti, kif speċifikat fil-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness, fil-kategoriji tal-ajruplani SEP li jinżlu fuq l-art u tal-ajruplani MEP li jinżlu fuq l-art f'operazzjonijiet bi bdot wieħed, għajr kwalunkwe klassifikazzjoni tat-tip. Il-liċenzji tal-bdoti FCL tal-UE għall-ajruplani kummerċjali (CPL (A)) u l-liċenzji tal-bdoti għall-ajruplani tat-trasport tal-linji tal-ajru (ATPL (A)) fihom privileġġi tal-bdoti privati. Il-liċenzja ta' bdot b'diversi membri tal-ekwipaġġ (MPL) fiha biss privileġġi tal-bdoti privati jekk dan ikun approvat b'mod speċifiku fil-liċenzja. Bl-istess mod, iċ-ċertifikati tal-bdoti kummerċjali u tat-trasport kummerċjali bl-ajru tal-FAA fihom privileġġi tal-bdoti privati. Dawn il-liċenzji u ċ-ċertifikati tal-bdoti huma eliġibbli għal konverżjoni skont it-termini ta' dan l-Anness jekk il-privileġġi jkunu applikabbli.
- 1.3. L-ambitu ta' dan l-Anness jista' jiġi estiż għal liċenzji FCL oħra tal-UE u għal ċertifikati, klassifikazzjonijiet u kategoriji ta' inġenji tal-ajru tal-FAA permezz ta' emenda għal dan l-Anness skont deċiżjoni tal-Bord Bilaterali ta' Sorveljanza (BOB) meħuda skont l-Artikolu 19.B tal-Ftehim.
- 1.4. L-estensjoni tal-ambitu ta' dan l-Anness għandha sseħħ wara l-proċess meħtieġ tal-bini tal-fiduċja mmexxi mill-Aġenti Tekniċi.
- 1.5. Dan l-Anness ma japplikax għal xi liċenzja ta' bdot jew għal xi ċertifikat ta' bdot maħruġa minn Stat Kontraenti ieħor għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali tal-1944 (il-Konvenzjoni ta' Chicago) u li jkunu ġew invalidati mill-FAA jew minn Awtorità tal-Avjazzjoni, kif dettaljat fil-Proċeduri Tekniċi ta' Implimentazzjoni għall-Għoti tal-Liċenzji (TIP-L).

1.6. Dan l-Anness ma jillimitax id-dritt ta' detentur ta' ċertifikat ta' bdot tal-FAA jew ta' liċenzja Parti-FCL tal-UE maħruġa minn Awtorità tal-Avjazzjoni, li jkollu ċertifikat jew liċenzja ta' bdot li jkunu ġew ivvalidati mill-Parti l-oħra skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli.

2. DEFINIZZJONIJIET

2.1. Flimkien ma' daww id-definizzjonijiet li jinsabu fil-Ftehim, għall-finijiet ta' dan l-Anness, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Klassifikazzjoni tal-klassi" tfisser:

- (i) fir-rigward ta' liċenzja Parti-FCL tal-UE, klassifikazzjoni valida meħmuża ma' liċenzja ta' bdot. Il-privileġġi tad-detentur ta' klassifikazzjoni tal-klassi SEP u MEP iridu jaġixxu bħala bdot fil-klassi tal-inġenji tal-ajru speċifikati fil-klassifikazzjoni kif deskritt fil-"Lista ta' Ajruplani – Klassifikazzjonijiet tal-Klassi u tat-Tip u Lista ta' Approvazzjoni" ippubblikata fuq is-sit web tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA).
- (ii) fir-rigward ta' ċertifikat ta' bdot tal-FAA, klassifikazzjoni ta' inġenju tal-ajru f'kategorija li jkollha karatteristiki operattivi simili kif deskritt fit-Titolu 14, il-Kodiċi tar-Regolamenti Federali (14 CFR) § 61.5 (eż. ajruplan b'magna waħda li jinżel fuq l-art u ajruplan b'iktar minn magna waħda li jinżel fuq l-art).

- (b) "Konverżjoni" tfisser il-ħruġ ta' liċenzja Parti-FCL tal-UE abbażi ta' ċertifikat ta' bdot tal-FAA jew il-ħruġ ta' ċertifikat ta' bdot tal-FAA abbażi ta' liċenzja Parti-FCL tal-UE, b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.
- (c) "*Currency*" tfisser l-aċċettazzjoni tal-privileġġi ta' klassifikazzjoni tal-klassi jew tat-tip fuq ċertifikat ta' bdot tal-FAA, abbażi tal-esperjenza reċenti tad-detentur ta' ċertifikat. (il-Parti 61 ta' 14 CFR u l-parti C tal-Anness III għar-Regolament Nru 1178/2011).
- (d) "Liċenzja Parti-FCL tal-UE" tfisser liċenzja valida ta' membru tal-ekwipaġġ tat-titjira li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Parti-FCL.
- (e) "Ċertifikat ta' bdot tal-FAA" tfisser ċertifikat validu ta' bdot tal-Amministrazzjoni Federali tal-Avjazzjoni li jikkonforma mar-rekwiżiti xierqa preskritti fil-Parti 61 ta' 14 CFR.
- (f) "Rieżami tat-titjir" tfisser valutazzjoni tal-ħiliet tat-titjir li saret minn għalliem tat-titjir iċċertifikat li jkollu l-awtorità xierqa ta' eżami tal-FAA.

- (g) "Klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti" tfisser:
- (i) fir-rigward ta' klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti tal-Parti-FCL tal-UE, klassifikazzjoni valida fuq liċenzja FCL tal-UE li tippermetti t-tħaddim skont ir-Regoli tat-Titjir bl-Istrumenti (IFR) jew f'kundizzjonijiet tat-temp li jkunu inqas mil-livelli minimi preskritti għal Regoli tat-Titjir Viżwali (VFR) li jkun ristrett għat-tħaddim ta' ajruplani b'magna waħda jew b'iktar minn magna waħda, jew fil-każ ta' liċenzja ta' bdot b'diversi membri tal-ekwipaġġ (MPL) ikun ristrett addizzjonalment għal tħaddim b'diversi membri tal-ekwipaġġ.
 - (ii) fir-rigward ta' klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti tal-FAA, tfisser klassifikazzjoni valida fuq ċertifikat ta' bdot tal-FAA soġġett għall-*currency* u għall-klassi tar-rekwiżiti tal-inġenji tal-ajru, li tippermetti t-tħaddim skont l-IFR jew f'kundizzjonijiet tat-temp li jkunu inqas mill-livelli minimi preskritti għall-VFR.
- (h) "Klassifikazzjoni tat-titjir billejl" tfisser klassifikazzjoni meħmuża ma' liċenzja Parti-FCL tal-UE li permezz tagħha, billejl, il-privileġġi tal-liċenzja ta' bdot privat għall-ajruplani jridu jiġu eżerċitati f'kundizzjonijiet li jkunu skont il-VFR. Il-klassifikazzjoni tat-titjir billejl tinħareġ mingħajr data ta' skadenza.
- (i) "Test tal-ħila" tfisser it-turiġa tal-ħila b'rabta ma' liċenzja jew klassifikazzjoni, inkluż eżami orali li jista' jkun meħtieġ skont l-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011, (Parti-FCL).

- (j) "Kundizzjonijiet Speċjali" tfisser dawk ir-rekwiżiti li jkun instab, abbażi ta' tqabbil tas-sistemi rispettivi tal-ġhoti tal-liċenzji regolatorji, li ma jkunux komuni għaż-żewġ sistemi, u li jkunu sinifikanti biżżejjed biex jiġu indirizzati f'dan l-Anness. Il-lista ta' Kundizzjonijiet Speċjali tinsab fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Anness.
- (k) "Klassifikazzjoni tat-tip" tfisser:
- (i) fir-rigward ta' liċenzja Parti-FCL tal-UE, klassifikazzjoni meħmuża ma' liċenzja ta' bdot. Il-privileġġi tad-detentur ta' klassifikazzjoni tat-tip iridu jaġixxu bħala bdot tat-tip ta' inġenju tal-ajru speċifikat fil-klassifikazzjoni kif deskritt fil-klassifikazzjoni tat-tip tal-EASA u fil-lista ta' approvazzjoni tal-liċenzji tat-titjir tal-membri tal-ekwipaġġ - l-inġenji tal-ajru kollha għajr il-ħelikopters.
 - (ii) fir-rigward ta' ċertifikat ta' bdot tal-FAA, il-klassifikazzjoni fuq ċertifikat ta' bdot tal-FAA għal kwalunkwe inġenju tal-ajru kbir (għajr dawk li jkunu eħfef mill-arja), ajruplan b'magna turboreattur, jew inġenju tal-ajru ieħor speċifikati mill-Amministratur tal-FAA permezz ta' proċeduri ta' ċertifikazzjoni tat-tip li għalihom bdot irid jissodisfa rekwiżiti speċifiċi ta' għarfien u ta' esperjenza ajrunawtiċi kif ukoll tal-ittestjar sabiex jaġixxi bħala bdot fil-kmand tal-inġenju tal-ajru.
- (l) "Validu" tfisser:
- (i) Fir-rigward ta' ċertifikat ta' bdot tal-FAA jew ta' liċenzja Parti-FCL tal-UE, li tali ċertifikat jew liċenzja ma tkunx ġiet ċeduta, sospiża, revokata, jew skaduta.

- (ii) Fir-rigward ta' klassifikazzjoni tal-Parti-FCL tal-UE, il-perijodu ta' validità tal-klassifikazzjoni ma jkunx skada. Id-data tal-validità ta' klassifikazzjoni hija ddikjarata fuq il-liċenzja ta' bdot.

3. BORD KONĠUNT TA' KOORDINAZZJONI TAL-EKWIPAĠĠ TAL-AJRU

3.1. Kompożizzjoni

3.1.1. B'dan, Bord Konġunt ta' Koordinazzjoni tal-Ekwipaġġ tal-Ajru (JACB), li jagħti rendikont ta' għemilu lill-BOB, huwa stabbilit taħt it-tmexxija konġunta tad-Diretturi Eżekuttivi tal-EASA u tal-FAA li huma responsabbli għall-Istandards tat-Titjir. IL-JACB għandu jinkludi, minn kull Aġent Tekniku, rappreżentanti responsabbli għall-għoti tal-liċenzji tal-bdoti u għas-sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità/għas-sistemi ta' ġestjoni, kif ikun xieraq.

3.1.2. It-tmexxija konġunta tista' tistieden parteċipanti addizzjonali fil-JACB biex tiffaċilita l-issodisfar tal-oġġettivi ta' dan l-Anness.

3.2. Mandat

3.2.1. Il-JACB għandu jiltaqa' minn tal-inqas darba fis-sena biex jiżgura l-funzjonament u l-implimentazzjoni effettivi ta' dan l-Anness. Il-funzjonijiet tiegħu għandhom jinkludu:

- (a) l-iżvilupp, l-approvazzjoni u r-reviżjoni tat-TIP-L, inkluż il-kooperazzjoni, l-assistenza, l-iskambju ta' informazzjoni, u l-attivitajiet ta' fiduċja kontinwa li jridu jintużaw għall-proċessi koperti b'dan l-Anness;

- (b) il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet rilevanti ta' sigurtà u l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni biex jindirizzawhom;
- (c) l-iżgurar tal-applikazzjoni konsistenti ta' dan l-Anness;
- (d) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-attivitajiet ippjanati u li għaddejjin ta' tfassil tar-regoli li jistgħu jaffettwaw il-bażi u l-ambitu ta' dan l-Anness.
- (e) il-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar bidliet sinifikanti fis-sistemi tal-ġhoti tal-liċenzji tal-bdoti tal-Partijiet li jistgħu jaffettwaw il-bażi u l-ambitu tal-Anness.
- (f) is-soluzzjoni ta' kwistjonijiet tekniċi li jkunu parti mir-responsabbiltajiet tal-Aġenti Tekniċi u tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni u li ma jkunux jistgħu jiġu solvuti fil-livell tagħhom; u
- (g) it-tressiq ta' emendi għal dan l-Anness lill-BOB.

3.2.2. Il-JACB għandu jirrapporta l-kwistjonijiet mhux solvuti lill-BOB u għandu jiżgura l-implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet meħuda mill-BOB fir-rigward ta' dan l-Anness.

4. IMPLIMENTAZZJONI

4.1. Il-Partijiet jaqblu li persuna li jkollha liċenzja Parti-FCL tal-UE għall-ajruplani, inkluż klassifikazzjoni tal-klassi, bi klassifikazzjoni tat-titjir billejl jew mingħajrha, jew bi klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti għall-ajruplani, u li tkun ikkonformat mal-Kundizzjonijiet Speċjali tal-FAA stabbiliti fl-Appendiċi 1, għandha titqies li tissodisfa r-rekwiżiti għall-ksib ta' ċertifikat ta' bdot tal-FAA, ta' klassifikazzjoni(jiet) tal-klassi, jew klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti fil-kategorija tal-ajruplani.

- 4.2. Il-Partijiet jaqblu li persuna li jkollha ċertifikat ta' bdot tal-FAA għall-ajruplani, jew klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti għall-ajruplani, u li tkun ikkonformat mal-Kundizzjonijiet Speċjali tal-UE stabbiliti fl-Appendiċi 1, u li tkun ipprovdiet evidenza tal-*currency* b'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tat-TIP-L, għandha titqies li tissodisfa r-rekwiżiti għall-ksib ta' liċenzja Parti-FCL, ta' klassifikazzjoni(jiet) tal-klassi, b'klassifikazzjoni tat-titjir billejl jew mingħajrha, jew ta' klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti fil-kategorija tal-ajruplani.
- 4.3. Il-liċenzji Parti-FCL tal-UE jew iċ-ċertifikati tal-bdoti tal-FAA li ġew ċeduti, sospiżi, jew revokati ma għandhomx jiġu integrati mill-ġdid permezz tat-termini ta' dan l-Anness.
- 4.4. L-ambitu tal-klassifikazzjonijiet u l-limitazzjonijiet ta' ċertifikat ta' bdot tal-FAA jew ta' liċenzja Parti-FCL tal-UE maħruġa skont dan l-Anness huwa speċifikat iktar fit-TIP-L.
- 4.5. Ladarba liċenzja Parti-FCL tal-UE jew ċertifikat ta' bdot tal-FAA jkun inħareġ skont dan l-Anness, id-detentur, sabiex jeżerċita l-privileġġi ta' din il-liċenzja jew ta' dan iċ-ċertifikat ta' bdot, irid jissodisfa r-rekwiżiti tal-validazzjoni mill-ġdid jew tat-tiġdid, kif ikun applikabbli, tar-rekwiżiti tal-Parti-FCL tal-UE jew tal-FAA.
- 4.6. L-FAA, malli toħroġ ċertifikat ta' bdot tal-FAA abbażi ta' liċenzja Parti-FCL tal-UE skont dan l-Anness, ma għandhiex teżiġi li dik il-liċenzja Parti-FCL tal-UE tiġi ċeduta. Awtorità tal-Avjazzjoni, malli toħroġ liċenzja Parti-FCL tal-UE abbażi ta' ċertifikat ta' bdot tal-FAA skont dan l-Anness, ma għandhiex teżiġi li dak iċ-ċertifikat ta' bdot tal-FAA jiġi ċedut.

- 4.7. L-Aġenti Tekniċi, u fejn ikun applikabbli, l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, għandhom:
- 4.7.1. fuq talba mill-FAA jew mill-Awtorità tal-Avjazzjoni li toħroġ liċenzja Parti-FCL tal-UE jew ċertifikat ta' bdot tal-FAA skont dan l-Anness, jipprovdu l-verifika jew il-konferma lil xulxin tal-awtentività tal-liċenzja Parti-FCL tal-UE oriġinali, taċ-ċertifikat ta' bdot tal-FAA oriġinali jew tal-klassifikazzjoni oriġinali; u
- 4.7.2. jipprovdu, f'forma, b'mod, u skont skeda li jkunu stabbiliti mill-JACB, data statistika dwar l-liċenzji Parti-FCL tal-UE, iċ-ċertifikati tal-bdoti tal-FAA, u l-klassifikazzjonijiet li jkunu nħarġu skont dan l-Anness.
- 4.8. L-Aġent Tekniku ta' kull Parti, jew fejn ikun applikabbli, Awtorità tal-Avjazzjoni, għandhom jipprovdu kif ikun meħtieġ fuq talba u wara ftehim reċiproku, assistenza teknika fl-attivitajiet ta' għoti tal-liċenzji tal-bdoti lill-Aġent Tekniku tal-Parti l-oħra, jew fejn ikun applikabbli lil Awtorità tal-Avjazzjoni, sabiex tintlaħaq il-fini ta' dan l-Anness. L-Aġenti Tekniċi jew Awtorità tal-Avjazzjoni jistgħu ma jaċċettawx li jipprovdu tali assistenza teknika minħabba nuqqas ta' disponibbiltà ta' riżorsi.

4.9. Ir-reviżjonijiet minn kwalunkwe Parti, tal-organizzazzjoni tal-avjazzjoni ċivili, tal-liġijiet, tar-regolamenti, tal-proċeduri, tal-politiki jew tal-istandards tagħhom, inkluż dawk tal-Aġenti Tekniċi u tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, jistgħu jaffettwaw il-bażi li fuqha huwa msejjes dan l-Anness. Għalhekk, il-Partijiet, permezz tal-Aġenti Tekniċi u tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, skont kif ikun xieraq, għandhom javżaw lil xulxin mill-iktar fis possibbli dwar il-pjanijiet għal tali bidliet, u għandhom jiddiskutu dwar kemm tali bidliet ippjanati jaffettwaw il-bażi ta' dan l-Anness. Jekk il-konsultazzjonijiet li jsiru skont l-Artikolu 15.C tal-Ftehim jirriżultaw fi ftehim biex jiġi emendat dan l-Anness, il-Partijiet għandhom jippruvaw jiżguraw li tali emenda tidħol fis-seħħ fl-istess ħin, jew mill-iktar fis possibbli wara, li tidħol fis-seħħ jew li tiġi implimentata l-bidla li wasslet għal tali emenda.

5. KOMUNIKAZZJONI U KOOPERAZZJONI

- 5.1. L-Aġenti Tekniċi, permezz tal-JACB, għandhom iżommu u jiskambjaw lista ta' punti ta' kuntatt għad-diversi aspetti tekniċi ta' dan l-Anness.
- 5.2. Il-komunikazzjonijiet kollha bejn l-Aġenti Tekniċi, inkluż id-dokumentazzjoni teknika provduta għar-rieżami jew għall-approvazzjoni kif dettaljata f'dan l-Anness, għandhom ikunu bl-Ingliż.
- 5.3. Il-format għad-dati kollha li jintużaw fil-komunikazzjonijiet għandu jkun JJ XXX SSSS, eż. "05 MAY 2014".

- 5.4. Meta jinqalġu sitwazzjonijiet urġenti jew mhux tas-soltu, il-punti ta' kuntatt tal-Aġenti Tekniċi, u fejn ikun applikabbli, tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, kif identifikat fit-TIP-L, għandhom jikkomunikaw u jiżguraw li jittieħdu l-azzjonijiet immedjati xierqa.
6. REKWIŻITI TA' KWALIFIKA GĦALL-AĊĊETTAZZJONI TA' SEJBIET DWAR IL-KONFORMITÀ
- 6.1. Rekwiżiti Bażiċi
- 6.1.1. Kull Aġent Tekniku u kwalunkwe Awtorità tal-Avjazzjoni, skont kif ikun applikabbli, għandhom juru lill-Aġent Tekniku l-ieħor l-effettività tas-sistemi rispettivi tagħhom għas-sorveljanza regolatorja tal-bdoti. Għandhom juru, b'mod partikolari, l-effettività u l-adegwatezza:
- (a) tal-istruttura ġuridika u regolatorja;
 - (b) tal-istruttura organizzazzjonali;
 - (c) tar-riżorsi, inkluż biżżejjed persunal ikkwalfikat;
 - (d) tal-programm ta' taħriġ għall-persunal tekniku tagħhom;
 - (e) tal-politiki, tal-proċessi u tal-proċeduri interni, inkluż sistema ta' kwalità;
 - (f) tad-dokumentazzjoni u tar-rekords;

- (g) tal-programm ta' sorveljanza; u
- (h) tal-Awtorità fir-rigward tad-detenturi rregolati tal-liċenzji Parti-FCL tal-UE jew taċ-ċertifikati tal-bdoti tal-FAA.

6.2. Fiduċja Inizjali

Kull Aġent Tekniku wera lill-Aġent Tekniku l-ieħor l-effettività tas-sistema rispettiva tiegħu għas-sorveljanza regolatorja ta' attivitajiet koperti skont dan l-Anness permezz ta' attivitajiet ta' bini ta' fiduċja inizjali. L-Aġenti Tekniċi wrew ukoll lil xulxin l-effettività tal-awditi tal-kwalità u tal-attivitajiet ta' standardizzazzjoni tagħhom, inkluż awditi tal-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 6.3.1.

6.3. Fiduċja Kontinwa

- 6.3.1. L-Aġenti Tekniċi u l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni għandhom ikompli juru lil xulxin is-sorveljanza effettiva kif dettaljat fil-paragrafu 6.1.1 ta' dan l-Anness skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-TIP-L imfassla mill-JACB.

- (a) B'mod partikolari, l-Aġenti Tekniċi:

- (i) għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw, bħala osservatur, fl-awditi tal-kwalità u fl-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni ta' xulxin;

- (ii) għandhom jaraw li r-rapporti mill-awditi tal-kwalità u mill-ispezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni applikabbli għal dan l-Anness ikunu disponibbli għall-Aġent Tekniku l-ieħor, kif speċifikat fit-TIP-L; u
 - (iii) għandhom jassistu lil xulxin fir-risoluzzjoni ta' sejbiet tal-awditi u tal-ispezzjonijiet li jkollhom impatt fuq l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness, fejn ikun rilevanti.
- (b) B'mod partikolari, l-FAA u l-Awtoritajiet tal-Avjazzjoni għandhom:
- (i) jippermettu li jsiru awditi tal-kwalità u spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni kif spjegat fid-dettall fil-paragrafu 6.3.1(a)(i) ta' hawn fuq;
 - (ii) jikkondividu informazzjoni rilevanti dwar is-sigurtà u l-limitazzjonijiet magħrufa li jistgħu jaffettwaw il-kapaċità ta' Awtorità tal-Avjazzjoni jew ta' Aġent Tekniku li jissodisfaw għalkollox l-istandards internazzjonali applikabbli tas-sigurtà jew kwalunkwe rekwiżit tas-sigurtà stabbilit skont il-Ftehim;
 - (iii) jaraw li jkunu disponibbli r-rekords tal-għoti tal-liċenzji tal-bdoti u r-rapporti dwar l-ispezzjonijiet rilevanti, inkluż l-azzjonijiet ta' infurzar meħuda, soġġett għal-liġijiet u għar-regolamenti applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data personali; u
 - (iv) jipprovdu assistenza bl-interpretazzjoni lingwistika fl-uffiċċju tal-Awtorità tal-Avjazzjoni waqt ir-rieżami tar-rekords u tad-dokumentazzjoni li jiġu rreġistrati bil-lingwa nazzjonali tagħha, fejn ikun meħtieġ.

- (c) L-Aġenti Tekniċi għandhom jinnotifikaw lil xulxin mill-iktar fis possibbli f'każ li Aġent Tekniku jew Awtorità tal-Avjazzjoni ma jkunux jistgħu jissodisfaw xi rekwiżit fil-paragrafu 6.3. Jekk xi wiehied mill-Aġenti Tekniċi jemmen li l-kompetenza teknika ma għadhiex adegwata, l-Aġenti Tekniċi għandhom jikkonsultaw lil xulxin u għandhom jipproponu pjan ta' azzjoni, inkluż kwalunkwe attività korrettiva meħtieġa, sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet.
- (d) F'każ li Aġent Tekniku jew Awtorità tal-Avjazzjoni ma jindirizzawx in-nuqqasijiet fiż-żmien speċifikat fil-pjan ta' azzjoni, wiehied mill-Aġenti Tekniċi jista' jressaq il-kwistjoni għand il-JACB.
- (e) Meta Parti tkun biġnsieba tissospendi l-aċċettazzjoni ta' sejbiet jew ta' approvazzjonijiet magħmula minn Aġent Tekniku jew Awtorità tal-Avjazzjoni, il-Parti għandha tinnotifika lill-Parti l-oħra minnufih, skont l-Artikolu 18.A tal-Ftehim.

7. TARIFFI

It-tariffi applikati għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 14 tal-Ftehim u mar-rekwiżiti statutorji u regolatorji applikabbli.

Appendiċi 1

KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI

1. Kundizzjonijiet Ġenerali
 - 1.1. L-applikant għandu jippreżenta applikazzjoni għal konverżjoni ta' liċenzja Parti-FCL tal-UE jew ta' ċertifikat ta' bdot tal-FAA skont dan l-Anness f'forma u b'mod standardizzati kif speċifikat fit-TIP-L.
 - 1.2. Applikant li jkollu liċenzja Parti-FCL tal-UE jew ċertifikat ta' bdot tal-FAA b'restrizzjoni jew b'limitazzjoni jista' jiġi miċħud l-applikazzjoni jekk restrizzjoni jew limitazzjoni simili ma tkunx disponibbli fis-sistema l-oħra.

2. Kundizzjonijiet Speċjali tal-UE

Sabiex jirċievi l-approvazzjoni b'konformità mal-Parti-FCL, skont it-termini ta' dan l-Anness, l-applikant għandu jissodisfa l-Kundizzjonijiet Speċjali kollha tal-UE li ġejjin.

2.1. Il-Kundizzjonijiet Speċjali tal-UE Applikabbli għall-*Ħruġ ta' Liċenzja Parti-FCL tal-UE* għall-*Ajruplani (PPL (A))* u l-*Klassifikazzjonijiet Assoċjati tal-Klassi u tat-Titjir Billejl*, kif ikun Applikabbli, Abbażi ta' *Ċertifikat ta' Bdot tal-FAA*

2.1.1. L-applikant għandu juri jew jipprovdi evidenza li kiseb profiċjenza fil-lingwa skont FCL.055 tal-Parti-FCL sakemm ma jkollux approvazzjoni ta' "*Profiċjenza fl-Ingliż*" fuq iċ-*ċertifikat ta' bdot tal-FAA*. L-approvazzjoni ta' "*Profiċjenza fl-Ingliż*" għandha titqies l-istess bħal-Livell 4 ta' profiċjenza fl-Ingliż, kif dettaljat fit-TIP-L.

2.1.2. L-applikant għandu jissodisfa r-rekwiżiti mediċi tal-UE kif stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 applikabbli għall-PPL(A).

2.1.3. L-applikant għandu jwettaq test tal-*ħila*, kif dettaljat fit-TIP-L, ma' eżaminatur ikkwalifikat skont il-Parti-FCL.

2.1.4. L-applikant għandu juri lill-eżaminatur qabel it-test tal-*ħila* li kiseb livell adegwat tal-*għarfien teoriku meħtieġ*, kif dettaljat fit-TIP-L, fil-perijodu ta' 24 xahar kalendarju qabel ix-xahar li fih issir l-applikazzjoni.

- 2.1.5. L-applikant li japplika għal klassifikazzjoni tat-titjir billejl tal-Parti-FCL għandu jipprovdi evidenza li ssodisfa r-rekwiżiti tat-titjir billejl stabbiliti fl-FCL.810 tal-Parti-FCL. L-esperjenza tat-taħriġ tat-titjir billejl tista' tiġi kkreditata, kif dettaljat fit-TIP-L.
- 2.1.6. L-applikant li japplika għal klassifikazzjoni tal-klassi tal-ajruplani MEP bi bdot wieħed għandu jipprovdi evidenza li ġew issodisfati r-rekwiżiti għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni tal-klassi tal-ajruplani MEP li jinżlu fuq l-art kif iddikjarat fis-Sottoparti H tal-Parti-FCL. F'dan il-każ, it-test tal-ħila speċifikat skont il-paragrafu 2.1.3 ta' hawn fuq għandu jitlesta f'ajruplan MEP li jinżel fuq l-art. Applikant li jkollu taħriġ u esperjenza preċedenti fit-titjir fuq ajruplani MEP jista' jiġi kkreditat skont ir-rekwiżiti tas-Sottoparti H tal-Parti-FCL, kif dettaljat fit-TIP-L.
- 2.1.7. Awtorità tal-Avjazzjoni, malli tikkonverti ċertifikat ta' bdot tal-FAA skont dan l-Anness, għandha ddaħħal id-dikjarazzjoni li ġejja fil-punt VIII (jew XIII) tal-liċenzja Parti-FCL tal-UE: "PPL (A) maħruġa abbażi tal-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti".
- 2.2. Il-Kundizzjonijiet Speċjali tal-UE Applikabbli għall-Ħruġ ta' Klassifikazzjoni tal-Parti-FCL tal-UE tat-Titjir bl-Istrumenti għall-Ajruplani (IR(A)) Abbażi ta' Klassifikazzjoni tat-Titjir bl-Istrumenti tal-FAA.
- 2.2.1. L-applikant għandu juri jew jipprovdi evidenza li kiseb profiċjenza fil-lingwa skont FCL.055 tal-Parti-FCL sakemm ma jkollux approvazzjoni ta' "Profiċjenza fl-Ingliż" fuq iċ-ċertifikat ta' bdot tal-FAA. L-approvazzjoni ta' "Profiċjenza fl-Ingliż" għandha titqies l-istess bħal-Livell 4 ta' profiċjenza fl-Ingliż, kif dettaljat fit-TIP-L.

- 2.2.2. L-applikant għandu jissodisfa r-rekwiżiti mediċi tal-UE kif stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 applikabbli għall-IR(A).
- 2.2.3. L-applikant għandu jwettaq test tal-ħila tal-IR(A), kif dettaljat fit-TIP-L, ma' eżaminatur ikkwalfikat skont il-Parti-FCL.
- 2.2.4. Fir-rigward tat-turiġa ta' għarfien teoriku u kif dettaljat fit-TIP-L, jekk l-applikant ikollu esperjenza minima ta' minn tal-inqas 50 siegħa ta' titjir skont ir-Regoli tat-Titjir bl-Istrumenti (IFR) bħala bdot fil-kmand fuq l-ajruplani, għandu juri lill-eżaminatur qabel it-test tal-ħila tal-IR(A) li kiseb livell adegwat tal-għarfien teoriku meħtieġ. F'każijiet oħra, l-applikant għandu jgħaddi eżami bil-miktub fi żmien perjodu ta' 24 xahar tal-kalendarju qabel ix-xahar meta ssir l-applikazzjoni.
- 2.2.5. Applikant li japplika għal klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti għall-ajruplani MEP bi bdot wieħed li jinżlu fuq l-art għandu jipprovdi evidenza li ġew issodisfati r-rekwiżiti għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti għall-ajruplani MEP li jinżlu fuq l-art kif iddikjarat fis-Sottoparti G tal-Parti-FCL. F'dan il-każ, it-test tal-ħila tal-IR(A) speċifikat skont il-paragrafu 2.2.3 t'hawn fuq għandu jitlesta f'ajruplan MEP li jinżel fuq l-art. Applikant li jkollu taħriġ u esperjenza preċedenti fit-titjir bl-istrumenti jista' jiġi kkreditat skont ir-rekwiżiti tas-Sottoparti G tal-FCL, kif dettaljat fit-TIP-L.

- 2.2.6. Kif dettaljat fit-TIP-L, applikant li japplika għal klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti għandu jkun wettaq titjir ta' akklimatizzazzjoni fi Stat Membru tal-UE, f'organizzazzjoni tat-taħriġ approvata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011, qabel ma jsir it-test tal-ħila tal-IR(A). L-applikant huwa eżentat minn dan ir-rekwiżit jekk ikollu esperjenza preċedenti ta' minn tal-inqas 50 siegħa ta' titjir skont l-IFR bħala bdot fil-kmand fuq l-ajruplani jew esperjenza preċedenti ta' minn tal-inqas 10 sigħat ta' titjir skont l-IFR bħala bdot fil-kmand fuq l-ajruplani fi kwalunkwe Stat Membru tal-UE jew fi kwalunkwe Stat Ewropew li jipparteċipa fl-EASA skont l-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1-22).
- 2.2.7. Applikant li kiseb klassifikazzjoni tal-Parti-FCL tal-UE tat-titjir bl-istrumenti abbażi ta' dan l-Anness għandu jkun meħtieġ jagħmel is-sett sħiħ ta' eżamijiet dwar l-għarfien teoriku skont l-FCL.025 u l-FCL.615 IR tal-Parti-FCL qabel ma jeżerċita l-privileġġi tiegħu tal-klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti b'CPL, b'MPL jew b'ATPL tal-Parti-FCL tal-UE.

2.2.8. Applikant li kiseb klassifikazzjoni tal-Parti-FCL tal-UE tat-titjir bl-istrumenti abbażi ta' dan l-Anness għandu jkun meħtieġ jagħmel is-sett sħiħ ta' eżamijiet dwar l-għarfien teoriku skont l-FCL.025 tal-Parti-FCL qabel ma jiġi kkreditat għalkollox għall-IR(A) fil-kategorija differenti tal-inġenji tal-ajru skont l-FCL.035 tal-Parti-FCL.

2.2.9. Awtorità tal-Avjazzjoni, malli tikkonverti ċertifikat ta' bdot tal-FAA skont dan l-Anness, għandha ddaħħal id-dikjarazzjoni li ġejja fil-punt VIII (jew XIII) tal-liċenzja Parti-FCL tal-UE: "PPL(A) / IR(A) maħruġa abbażi tal-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti".

3. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TAL-FAA

Sabiex jirċievi l-approvazzjoni b'konformità mal-Parti 61 ta' 14 CFR, skont it-termini ta' dan l-Anness, l-applikant għandu jissodisfa l-Kundizzjonijiet Speċjali kollha tal-FAA li ġejjin:

3.1. Il-Kundizzjonijiet Speċjali tal-FAA Applikabbli għall-Ħruġ ta' Ċertifikat ta' Bdot tal-FAA, ta' Klassifikazzjoni tal-Klassi tal-Kategorija ta' Ajruplani b'Magna Waħda li Jinżlu Fuq l-Art u ta' Klassifikazzjoni tal-Klassi tal-Kategorija ta' Ajruplani b'Iktar Minn Magna Waħda Abbażi ta' Liċenzja Parti-FCL tal-UE.

3.1.1. L-applikant għandu jkun kapaċi jaqra, jitkellem, jikteb u jifhem bl-Ingliż. Approvazzjoni tal-Parti-FCL ta' profiċjenza fl-Ingliż ta' Livell 4 jew iktar għandha tiġi aċċettata bħala profiċjenti fl-Ingliż.

3.1.2. L-applikant għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' ċertifikat mediku tal-FAA biex jeżerċita l-privileġġi ta' ċertifikat ta' bdot tal-FAA, kif preskritt fil-Parti 61 ta' 14 CFR.

- 3.1.3. L-applikant għandu jkun għadda mit-test tal-għarfien meħtieġ, kif dettaljat fit-TIP-L, fi żmien perijodu ta' 24 xahar tal-kalendarju qabel ix-xahar meta ssir l-applikazzjoni.
- 3.1.4. L-applikant għandu jwettaq rieżami tat-titjir ma' għalliem tat-titjir iċċertifikat mill-FAA li jkollu l-awtorità xierqa ta' eżami tal-FAA, kif spjegat fid-dettall fit-TIP-L.
- 3.1.5. Applikant li japplika għal klassifikazzjoni ta' ajruplan b'iktar minn magna waħda li jinżel fuq l-art għandu jipprovdi evidenza li ssodisfa r-rekwiżiti għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni tat-titjir ta' ajruplan b'iktar minn magna waħda li jinżel fuq l-art, kif iddikjarat fil-Parti 61 ta' 14 CFR. It-taħriġ u l-esperjenza fuq ajruplani MEP li jinżlu fuq l-art jistgħu jiġu kkreditati, kif spjegat fid-dettall fit-TIP-L.
- 3.2. Il-Kundizzjonijiet Speċjali tal-FAA Applikabbli għall-Ħruġ ta' Klassifikazzjoni tal-FAA tat-Titjir bl-Istrumenti għall-Ajruplani Abbażi ta' Klassifikazzjoni tal-Parti-FCL tal-UE tat-Titjir bl-Istrumenti.
- 3.2.1. L-applikant għandu jkun kapaċi jaqra, jitkellem, jikteb u jifhem bl-Ingliż. Approvazzjoni tal-Parti-FCL ta' profiċjenza fl-Ingliż ta' Livell 4 jew iktar għandha tiġi aċċettata bħala profiċjenti fl-Ingliż.
- 3.2.2. L-applikant għandu jissodisfa r-rekwiżiti taċ-ċertifikat mediku tal-FAA biex jeżerċita l-privileġġi ta' ċertifikat ta' bdot tal-FAA, kif preskritt fil-Parti 61 ta' 14 CFR.

- 3.2.3. Kif dettaljat fit-TIP-L, applikant li japplika għal klassifikazzjoni tat-titjir bl-istrumenti għandu jkun wettaq titjir ta' akklimatizzazzjoni fl-Istati Uniti, inkluż fit-territorji tagħhom, ma' għalliem tat-titjir iċċertifikat mill-FAA, qabel ma ssir il-verifika tal-profiċjenza bl-istrumenti ma' eżaminatur. L-applikant huwa eżentat minn dan ir-rekwiżit jekk ikollu esperjenza preċedenti ta' minn tal-inqas 50 siegħa ta' titjir skont l-IFR bħala bdot fil-kmand fuq l-ajruplani jew esperjenza preċedenti ta' minn tal-inqas 10 sigħat ta' titjir skont l-IFR bħala bdot fil-kmand fuq l-ajruplani fl-Istati Uniti, inkluż fit-territorji tagħhom;
- 3.2.4. L-applikant għandha ssirlu verifika tal-profiċjenza bl-istrumenti ma' eżaminatur, kif dettaljat fit-TIP-L.
- 3.2.5. L-applikant għandu jkun għadda mit-test tal-għarfien meħtieġ, kif dettaljat fit-TIP-L, fi żmien perijodu ta' 24 xahar tal-kalendarju qabel ix-xahar meta ssir l-applikazzjoni.
-

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

Rappreżentanti tal-Istati Uniti tal-Amerika u tal-Unjoni Ewropea kkonfermaw li l-verżjoni bil-lingwa Kroata tal-Anness 3 għall-Ftehim dwar Kooperazzjoni fir-Regolazzjoni tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Komunità Ewropea, iffirmat fi Brussell fit-30 ta' Ġunju 2008 ("il-Ftehim"), tista' tiġi awtentikata permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea.

Ikkonfermaw ukoll li, kif previst bil-Ftehim, fil-każ ta' diverġenzi fl-interpretazzjoni bejn it-testi tal-lingwi differenti tal-Ftehim jew tal-Anness 3 tiegħu, it-test bl-Ingliż jipprevali.

Din id-Dikjarazzjoni Konġunta hija parti integrali tal-Ftehim.

Għall-Istati Uniti tal-Amerika

Għall-Unjoni Ewropea
